MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 11/2008

**Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Kunsill Lokali Mosta**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li biha l-Korporazzjoni Enemalta talbet li l-Kunsill Lokali Mosta jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ sitt mija u sitta u tmenin euro u wiehed u sittin centezmu (€686.61) – (Lm294.76) rapprezentanti danni kkagunati minnu f’taghmir proprjetà tal-Korporazzjoni attrici nhar l-20 t’Ottubru, 2004 fi Triq id-Dawr, Mosta. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta’ Settembru, 2006 bl-imghaxijiet legali mid-data tal-istess ittra u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-Kunsill Lokali konvenut li biha wiegeb illi qed jirrispingi l-allegazzjonijiet maghmula fit-talba tal-attur Korporazzjoni Enemalta fil-konfront tieghu.  Il-konvenut Kunsill Lokali Mosta bl-ebda mod ma huwa responsabbli ghad-danni lejn il-Korporazzjoni Enemalta.  L-allegat incident in kwistjoni sehh unikament minhabba n-negligenza grossolana tal-istess Korporazzjoni li b'nuqqas ta' prudenza u b'mod traskurat u illegali qieghed il-*cable* f'*soft area* fil-baxx u minghajr senjalazzjoni, bi perikolu kbir ghall-pubbliku.  L-ammont pretiz assolutament mhuwiex dovut.  Bl-ispejjez inkluzi dawk tan-nota fl-atti tal-ittra ufficjali numru 6999/2006.

Sema' x-xhieda ta' Carmel Fenech, Eric Montfort u Philip Azzopardi.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni ta' P.L. Christine Aquilina ghall-Korporazzjoni attrici u Dr Joseph Mifsud ghall-Kunsill Lokali konvenut.

**Ikkonsidra**

Mill-provi jirrizulta illi fl-20 t'Ottubru, 2004 il-Kunsill Lokali tal-Mosta kien inkariga kuntrattur biex ihawwel sigra gewwa bicca art mitluqa.  Il-Kunsill inkariga lil Philip Azzopardi bhala *handyman* sabiex jissorvelja x-xoghol.  Din il-bicca art zdingata hija indikata bhala *soft area*.  Il-kuntrattur uza *highmac* zghir biex ihaffer it-toqba li kien hemm bzonn u fil-kors ta' dan it-thaffir intlaqet *cable* tal-Enemalta u b'hekk inqata d-dawl ghal diversi postijiet fl-inhawi.  In-nies ilmentaw mal-Korporazzjoni u b'hekk il-Korporazzjoni saret taf bl-incident.  Carmel Fenech bhala *Principal Distribution Technical Officer* mal-Enemalta mar ghamel rapport u sa dak il-mument ma kienx maghruf min kien qed jaghmel ix-xoghlijiet in kwistjoni izda bil-provi prodotti f'din il-kawza jirrizulta illi x-xoghol kienu saru fuq struzzjonijiet tal-Kunsill Lokali tal-Mosta.

Jirrizulta wkoll illi l-Kunsill Lokali tal-Mosta ma kienx informa lil Enemalta li kien bi hsiebu haffer u konsegwentement l-Enemalta ma gietx koncessa l-fakolta biex tindika jekk kienx hemm *cables* ghaddejjin mill-post fejn ried isir dan it-thaffir.

Il-kwistjoni kollha f'din il-kawza hija jekk kienx mistenni li jghaddu *cables* minn gewwa dawk li huma *soft areas* u in oltre, l-Kunsill Lokali tal-Mosta qieghed isostni illi fil-kors tat-thaffir ma kien hemm l-ebda *tape* jew kaptelli biex jindikaw li kien hemm *cables* ghaddejjin minn taht il-hamrija.

In tema legali ssir referenza ghall-kawza deciza mill-Prim' Awla fl-ismijiet **"Kevin Mallia vs Alfred Mizzi & Sons (Marketing) Ltd"** (Cit 1606/95 TM) deciza fid-9 t'Ottubru, 2003 fejn intqal:

"Hija gurisprudenza tal-Qrati taghna li huwa obbligu ta' min ihaddem biex jipprovdi kundizzjonijiet ta' xoghol li jassiguraw is-sahha tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol tieghu; min ihaddem ghandu dover li jipprovdi post tax-xoghol li ma jkunx ta' periklu u riskju ghas-sahha tal-istess haddiema (ara "Bugeja vs Falzon", deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' April, 1997, u "Desira vs Grech & Co. Ltd", deciza wkoll minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju, 2002). Min ihaddem ghandu jinzamm responsabbli meta ma jiehux hsieb li jipprovdi ambjent li jassikura s-sahha tal-haddiem, u jrid ukoll jipprevedi u jipprovdi ghal fatt li l-haddiem ghandu tendenza li jitraskura r-riskji inerenti fix-xoghol tieghu. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Schembri vs Caruana noe", deciza fit-12 ta' Jannar, 1983, *"wiehed irid jikkonsidra l-atmosfera fil-post tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kaz tax-xoghol tieghu, il-hinijiet twal, l-ghaggla fix-xoghol, nuqqas ta' ghajnuna minn haddiema ohra li jkunu inkarigati biex jahdmu mieghu fuq dan ix-xoghol";* dawn huma kollha fatturi li, min ihaddem irid jikkunsidra meta jkun qed jippjana l-lant tax-xoghol u johloq dak li komunement hu msejjah "*a safe system of work"*.

In oltre fil-kawza **“Charles Farrugia vs Malta Investment Management Co Ltd”** (Cit 1821/2001TM) tad-9 t'Ottubru, 2003 intqal hekk:

“Il-principji li jirregolaw ir-responsabilita’ ta’ sid ta’ intrapriza biex ihares is-sahha tal-impjegati tieghu huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza. Fil-kawza Ingliza “Wilsons and Clyde Coql Co. vs English*”* deciza mill-House of Lords fil-1937, Lord Maugham osserva:
“*In the case of employments involving risk …..it was held that there was a duty on the employer to take reasonable care, and to use reasonable skill, first, to provide and maintain proper machinery, plant, appliances, and works; secondly to select proper skilled persons to manage and superintend the business and thirdly to provide a proper system of working.”*

Fil-kawza “Calleja vs Fino” deciza minn din il-Qorti fl-10 ta’ Ottubru, 1980, gie kwotat b’approvazzjoni li:
“*It is the employer’s duty to provide a safe system of work. Any injury to which the employee has not contributed would be the sole responsibility of the employer. The fact that the system adopted had been in use for years without incident, is not proof that the system is safe: the accident in question justifies this.*”

Fil-kawza “Borg vs Wells et” deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fid-9 ta’ Settembru, 1981, kompla jizdied li:
“*In planning a system of work the employer must take into account the fact that workmen become careless about risks involved in their daily work.*”

Fil-kawza “Grech vs Ellul”, deciza minn din il-Qorti fis-27 ta’ Gunju, 1996, intqal:
“*It is the duty of every employer to take all reasonable care for his employee’s safety in all circumstances at their place of work.*”

Fil-kawza “Grech vs Farrugia” deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta’ Dicembru, 1994, intqal li:
“*Il-makkinarju ghandu jkun imhares b’mod illi ma jirrekax hsara lil min qed jahdem fuqu, jew qed jadoperah anke*

*meta dan ma jkunx qed jahdem fuqu, jew juza dak il-makkinarju minghajr dik l-attenzjoni u prudenza li wiehed jistenna bhala normalita' u dan biex jaghmel tajjeb ghal dik l-aljenazzjoni tal-attenzjoni, prudenza u ghaqal li jsofri haddiem industrijali propju ghaliex dik l-oljenazjoni tkun, fil-maggoranza tal-kazijiet, indotta mill-istess natura tal-attivita' industrijali.*"

Ta' importanza hija ukoll il-kawza "Chetcuti vs Mizzi", deciza minn din il-Qorti fl-20 ta' Gunju, 2002, fejn gie osservat li min ihaddem m'ghandux iqabbad lill-haddiema tieghu jaghmlu xoghol li mhux soltu jaghmlu u li ghalih ma kellhomx stharrig."

Finalment u ta' relevanza aktar diretta ghall-kawza odjerna tajjeb li wiehed jirreferi ghall-insenjament fil-kawza **"Emmanuel Sammut et vs CGMO et"** (Cit 2804/96 RCP) tat-12 ta' Dicembru, 2002:

"Illi ghal dik li hija responsabbilta' tal-incident *de quo* skond l-**artikolu 1031 tal-Kap 16** jinghad li *"kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu".* **("Paul Zahra vs Direttur tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici" -** A.C. 3 ta' Dicembru 1991).

Illi *ai termini* tal-**artikolu 1032 tal-Kap 16** *"jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb ta' familja"*

Illi fis-sentenza **"Anthony Zerafa vs Joseph Sacco"** (P.A. (RCP) 29 ta' Marzu 2001) inghad illi *"minn dawn l-artikoli kollha ma hemm l-ebda dubju li kull min minhabba n-nuqqas ta' attenzjoni tieghu, b'negligenza u b'nuqqas ta' prudenza fil-grad rikjest mill-ligi jikkawza bl-atti jew bin-nuqqasijiet tieghu jikkawza hsara lill-haddiehor, ghandu jirrispondi ghal tali hsara hekk ikkawzata, u dan jaghti lok kemm ghall-azzjoni kriminali u kemm ghall-azzjoni civili".*

*"Illi ghal dak li tirrigwarda l-azzjoni civili, din tirrisolvi ruhha f'kawza ghal dikjarazzjoni tar-responsabbilta' u ghall-hlas tal-eventwali danni sofferti inkluzi damnum emergens u*

*lucrum cessans inkluz f'kaz ta' dizabilita' permanenti dak stipulat fl-**artikolu 1045".***

………………..

Illi apparti dan kollu l-istess konvenuti ecceppew ukoll il-*culpa in eligendo* pero' dan il-kuncett gie estiz fil-gurisprudenza nostrali mhux biss ghall-mument meta l-istess persuna tigi ngaggata, izda ifisser ukoll li l-persuna li tinkariga persuna ohra li taghmel xi xoghol, tibqa' hija responsabbli wkoll jekk dik il-persuna li effettivament hadmet taht inkarigu taghha tkun ghamlet ix-xoghol b'negligenza u nuqqas ta' hila skond id-disposizzjonijiet fuq citati u l-**artikolu 1037 tal-Kap 16.**

Illi fi kliem iehor japplika dak li gie ritenut fis-sentenza **"Tabib Joseph R. Grech vs Kummissarju tal-Pulizija"** (A.C. (HH) l-1 ta' Marzu 1988) fejn inghad li *"kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta' hila jew illi ma jkollux hila, hu obbligat ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba nuqqas ta' hila taghmel dannu lill-haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz fuq imsemmi",* b'dan li l-konvenuti ghandhom jirrispondu ghall-inkompetenza u negligenza tal-addetti w impjegati taghhom, u ghalhekk huma responsabbli wkoll ghad-danni kawzati lill-attrici. Tal-istess portata hija s-sentenza **"Naudi vs Schembri"** (A.K. 13 ta' Mejju 1991) u **"John Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et"** (Q.K. 21 ta` Jannar 1993); "**Eddie Fenech Adami et nomine vs Carmelo Bonello"** (A.C. 28 ta' Gunju 2002) u **"Jacqueline Cremona vs Water Services Corporation"**(P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002. Citaz. Nru. 1480/95). Illi l-konsegwenza ta' dan hija ghalhekk li l-vittma tad-danni subiti tista' tfittex kemm lill-persuni li ghamlu x-xoghol, jew ikkawzaw id-dannu realment bl-atti u bl-operat taghhom, kif ukoll il-persuni li impjegaw lill-istess addetti kollox skond id-disposizzjonijiet tal-**artikoli 1032 sa 1038,** b'dan li azzjoni kontra wiehed ma teskludiex lill-ohra, dment li l-istess vitma tithallas tad-danni fil-limiti biss ta' dak provdut fl-**artikoli 1045 u 1046."**

Tenut kont tal-premess it-Tribunal jaqbel mal-hsieb kontenut mill-awturi **John Hendry and Michael Ford fil-ktieb "Munkman on Employer's Liability" (13ed) pg 129**:
"In many cases, of course, the danger cannot be removed; but the employer is not expected to make the premises safe in all circumstances. If there are alternative means of access, for example, it is normally sufficient if one is safe: *Brodie vs British Railways Board* 1986 SLT 208. The duty is to take reasonable precautions for the safety f the employees. If the entrance to a workplace was made slippery by a sudden snow-fall, an employer cannot be expected to clear the snow immediately: *Thomas vs Bristol Aeroplane Co Ltd* [1954] 1 WLR 694. Nor is the employer liable for failure to cure a transient and exceptional danger of which it neither knew nor ought to have known: *O'Reilly vs National Rail and Tramway Appliances Ltd* [1966] 1 All ER 499. But the employer may need to inspect for dangers."

Fid-dawl tal-premess it-Tribunal jidher evidenti illi f'kazijiet li jittrattaw relazzjonijiet bejn min ihaddem u impjegat, liema principji japplikaw wkoll ghal-kaz odjern bejn sid u kuntrattur f'kuntratt t'appalt, mhux ghax jigri incident hemm strict liability tal-employer u wiehed ghandu juza t-test t'obbligu ragonevoli ta min ihaddem biex jiehu l-passi ragonevoli, ghaqlija u adattati skond c-cirkostanzi biex jipprovdi post u sistema safe ghax-xoghol.

Fil-kuntest tal-kawza odjerna t-Tribunal huwa tal-fehma illi meta jkun qed isir xoghol ta' skavar f'*public areas* partikolarment fejn il-post ikun cirkondat mill-bini u b'faccata fuq Triq, bhalma huwa l-kaz odjern, wiehed irid jezamina l-post minn qabel u janticipa x'problemi jistghu ragonevolment jinqalghu waqt l-lant tax-xoghol. Wiehed ghandu janticipa l-*forseeable risks* u jipprovdi ghalihom sakemm huwa ragonevolment necessarju.

It-Tribunal huwa tal-fehma li fil-lokalita *de quo* kien *a foreseeable risk* li propju fil-post fejn kien ser jsir l-iskavar kien hemm cables, katusi u servizzi ohra ghaddejjin minn

taht l-art u ghalhekk kien ragonevoli li wiehed jistenna li qabel ma jordna li jinbdew x-xoghlijiet, li juza certa kawtela u prudenza u jaghmel kuntatti mal-awtoritajiet koncernati bhalma huma tal-Enemalta u dawk li jipprovdu servizzi tat-telephone u tal-ilma biex jara jekk hemmx *cables* u pajpijiet jew katusi ghaddejjin fl-inhawi.

Jidher evidenti illi l-Kunsill Lokali ma vverifika xejn minn dan kollu u qabad u ta struzzjonijiet biex isir dan it-thaffir. Dan it-thaffir ma kienx qed isir bl-idejn izda kien qed isir bl-ingenji. L-kuntrattur kien qed jigi sorveljat minn rapprezentant tal-Kunsill Lokali u ghalhekk jekk deherlu li l-kuntrattur ma messux uza l-ingenji kellu obbligu li jwaqqaf l-kuntrattur.

Hemm konflitt fil-provi dwar jekk kienx hemm captelli li jindikaw l-presenza ta’ *cables*.  Carmel Fenech xehed li kien hemm filwaqt li Philip Agius, l-mibghut tal-Kunsill, xehed li ma kienx hemm. L-kuntrattur ma xehedx. It-Tribunal jemmen dak li afferma Carmel Fenech meta xehed quddiem it-Tribunal u baqa’ jsostni x-xhieda tieghu anke meta sar konfront ma’ Philip Azzopardi, illi fil-munzell tal-materjal skavat kienu jidhru anke kaptelli.

Illi hawn wkoll l-Kunsill naqas billi l-mibghut tieghu Azzopardi missu nduna bihom u waqqaf l-kuntrattur.

It-Tribunal m’ghandu l-ebda ezitazzjoni biex jikkonkludi illi l-Kunsill Lokali huwa unikament responsabbli ghall-akkadut billi ma hax il-mizuri preventivi biex jivverifika jekk kienx hemm *cables* ghaddejjin fl-inhawi qabel ma ta struzzjonijiet biex isir l-iskavar u in oltre waqt li kien qed jsir x-xoghol ma kienx qed jissorvelja sew l-andament tax-xoghol u ghalhekk huwa inutli li l-Kunsill jipprova jiskansa r-responsabbilta’ billi jghid illi huwa mhux responsabbli ghaliex ix-xoghol ma kienx qed isir fizikament mill-Kunsill izda mill-persuna minnu inkarigata.

Illi dwar il-*quantum* mitlub, dan jinsab approvat permezz tad-Dokument EM1 li gie kkonfermat anke bil-gurament u bl-ebda mod ma gie ikkontestat u konsegwentement it-talba kif dedotta tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-Korporazzjoni attrici u jikkundanna lill-Kunsill Lokali tal-Mosta sabiex ihallas is-somma ta' sitt mija u sitta u tmenin euro u wiehed u sittin centezmu (€686.61) – (Lm294.76) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba.

**Av. Peter Borg Costanzi**
Gudikatur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------